Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0339

L-arrest arbitrarju u l-kundanna tal-akkademiċi Bahruz Samadov u Igbal Abilov fl-Ażerbajġan

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2025 dwar l-arrest arbitrarju u l-kundanna tal-akkademiċi Bahruz Samadov u Igbal Abilov fl-Ażerbajġan (2025/3028(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ażerbajġan,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 150(5) u 136(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi mill-bidu tal-2025, l-għadd ta’ priġunieri politiċi fl-Ażerbajġan f’daqqa waħda żdied għal kważi 400 individwu, detenuti arbitrarjament fuq akkużi politikament motivati, fosthom attivisti tas-soċjetà ċivili, mexxejja tal-oppożizzjoni, ġurnalisti, akkademiċi, u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

B. billi Igbal Abilov, riċerkatur ta’ minoranza etnika ta’ Talysh u kap editur tal-Akkademja Nazzjonali tal-Aħbarijiet ta’ Talysh, u Bahruz Samadov, student tal-PhD fl-Università Charles, ġew ikkundannati għal 18 u 15-il sena priġunerija rispettivament fuq akkużi ta’ tradiment għoli;

C. billi l-proċessi taż-żewġ akkademiċi nżammu bil-bibien magħluqa, bi ksur tal-istandards internazzjonali ta’ proċess ġust u tal-preżunzjoni tal-innoċenza; billi l-allegata evidenza kienet tikkonsisti biss f’kuntatti u skambji ma’ akkademiċi Armeni; billi l-kundizzjoni ta’ saħħithom marret għall-agħar matul il-priġunerija;

D. billi dawn il-każijiet isegwu l-kundanna inġusta u arbitrarja ta’ żewġ akkademiċi oħra, Gubad Ibadoghlu u Fazil Gasimov;

E. billi fl-1 ta’ Diċembru 2025, il-mexxej prominenti tal-oppożizzjoni Ali Karimli ġie arrestat fuq allegati akkużi ta’ kolp ta’ stat bħala parti mill-konsolidazzjoni kontinwa ta’ prattiki awtoritarji fl-Ażerbajġan;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-arrest, il-prosekuzzjoni u l-kundanna ta' Bahruz Samadov u Igbal Abilov fuq akkużi politikament motivati;

2. Jistieden lill-Ażerbajġan jeħles minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lill-priġunieri politiċi kollha, b'mod partikolari lis-Sur Samadov, lis-Sur Abilov u lis-Sur Ibadoghlu, jiggarantixxi proċessi ġusti u proċess korrett tal-liġi, u jtemm ir-repressjoni kontra ġurnalisti, attivisti, akkademiċi, rappreżentanti tal-oppożizzjoni, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u individwi oħra detenuti illegalment, inklużi dawk eżiljati;

3. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-arrest ta' Ali Karimli u jitlob il-ħelsien immedjat tiegħu;

4. Jesprimi preokkupazzjoni partikolari dwar l-użu ħażin tad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà nazzjonali bħala għodod għall-fastidju ġudizzjarju, l-intimidazzjoni, u l-kriminalizzazzjoni tal-libertà tal-espressjoni, il-promozzjoni tal-paċi u l-kritika pubblika; jesprimi tħassib serju dwar l-erożjoni kontinwa tal-libertajiet akkademiċi u tad-drittijiet kulturali fl-Ażerbajġan;

5. Jistieden lill-Ażerbajġan jirrispetta u jallinja l-leġiżlazzjoni tiegħu mal-obbligi u l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk relatati mal-libertà tal-espressjoni u l-libertà akkademika;

6. Jitlob li jiġu kkunsidrati miżuri xierqa fi ħdan ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem kontra uffiċjali responsabbli rilevanti;

7. Jistieden lid-Delegazzjoni tal-UE f'Baku timmonitorja l-każijiet imsemmija hawn fuq u lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem jiltaqa' mal-akkademiċi detenuti;

8. Jistieden lill-UE tkompli tappoġġja d-drittijiet tal-bniedem u l-governanza demokratika fl-Ażerbajġan, inkluż billi żżid l-appoġġ għas-soċjetà ċivili, u tiżgura li l-involviment diplomatiku jibqa' konsistenti mal-valuri fundamentali tal-UE;

9. Jisħaq li l-progress fi kwalunkwe ftehim ta' sħubija futur għandu jkun kundizzjonali fuq avvanzi tanġibbli fid-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u r-rispett għall-valuri u l-prinċipji tal-UE, inkluż ir-rilaxx tad-detenuti politiċi u t-tneħħija tal-leġiżlazzjoni restrittiva, kif iddikjarat fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tal-Parlament;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-VP/RGħ, lill-Istati Membri u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ażerbajġan.